# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT**

**DR. JOSEPH APAP BOLOGNA B.A. LL.D.**

**Seduta ta' nhar t-Tnejn 24 ta' Settembru 2001**

**Avviz. numru 513/01**

**Numru 32**

**Randolph Camilleri Surveys Limited**

**vs**

**Charles Bonnanno A & CE**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' mitejn u sittin lira Maltija (Lm260) rapprezentanti drittijiet u spejjez professjonali dovuti ghas-servizz ta' "land surveying" provdut lill-konvenut fuq ordni tal-konvenut stess.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali li sad-data tal-avviz jammonta ghal tnejn u tletin liri Maltin u tlieta u disghin centezmu (Lm32.93) kif ukoll l-imghax ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-nota ta' cessjoni tal-10 ta' Settembru 2001 li biha s-socjeta attrici cediet l-istess meritu tal-kawza pero zammet ferm fuq il-kap tal-ispejjez.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut jwiegeb ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikat regolarment, il-konvenut naqas u ma deherx fl-10 ta' Settembru 2001 meta gew prezentati l-kapitoli, lanqas llum u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-meritu, tilqa t-talba tas-socjeta attrici in rigward l-kap tal-ispejjez u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex jhallas lis-socjeta attrici l-ispejjes ta' dawn il-proceduri.

Alan Calleja
Dep.Reg